

Brussell, 24 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15015/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0200(NLE)

TRANS 727
RELEX 1563

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 11037/22 + COR 1
Nru dok. Cion:	ST 10421/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq – Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni rċeviet mandat fit-2 ta' Ġunju 2022 li skontu l-Kummissjoni fetħet negozjati mal-Ukrajna biex tikkonkludi ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-imsemmija negozjati.
2. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna. Il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tiegħu għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fis-27 ta' Ġunju 2022. Il-ftehim ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2022 u ilu japplika b'mod proviżorju minn dakinhar.
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-6 ta' Lulju 2022¹.

¹ *ĠUL 179, 6.7.2022, p. 1.*

4. Fil-5 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna.
5. Il-Kunsill bagħat id-Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu fis-27 ta' Lulju 2020.
6. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fl-10 ta' Novembru 2022.
7. Bil-ħsieb tat-tnejn għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 11050/22.
8. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill bil-lingwi kollha f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u tintbagħtlu d-Deċiżjoni.
